***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 491 tas-7 ta' Marzu 2017 dwar punt imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar dwar tweġiba għal mistoqsija parlamentari 31403**

Is-Sedja qed tagħmel referenza għall-punt imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar fis-seduta tal-bieraħ 6 ta' Marzu 2017 dwar it-tweġiba li huwa ngħata għad-domanda parlamentari 31403 fejn ilmenta li l-Ministru kellu żmien biżżejjed sabiex jagħti tweġiba.

Nikkwota mit-traskrizzjoni tas-seduta:

> **"ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nirringrazzjak. Sur President, xtaqt nagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari tal-lum stess bin-numru 31403, b'referenza għal domanda simili li jien għamilt iktar minn ġimgħa ilu relatata ma' pubblikazzjonijiet maħruġa mis-Segretarjat responsabbli għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva. Jien kont tlabt lill-Ministru kkonċernat ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra 14-il pubblikazzjoni li tqassmu fil-gżira Għawdxija relatati mal-anzjani u l-persuni b'diżabilità. Dakinhar il-Ministru ħarab mir-risposta; ma poġġihiex, u issa allura qed nitlob l-intervent tas-Sedja għaliex il-Ministru, fir-risposta tal-lum qal li se jkun qed iweġibni f'seduta oħra. Jien nifhem li jekk qed nitkellem fuq 14-il pubblikazzjoni li diġà tqassmu fid-djar f'Għawdex, il-Ministru m'għandux problema li jitpoġġew."

Il-mistoqsija u t-tweġiba inkwisjtoni kienu jaqraw hekk:

> **31403. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali: Filwaqt li l-Ministru għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 31265 għamel referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 31264 u peress li l-Ministru naqas li jpoġġi l-materjal rikjest fuq il-Mejda tal-Kamra għall-istess mistoqsija, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-materjal / pubblikazzjonijiet (b'kollox 14-il pubblikazzjoni) li għalihom għamel referenza fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 31264?
>
> 21/02/2017
>
> **ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant it-tweġiba tingħata f'seduta oħra.
>
> Seduta 490 - 06/03/2017

L-interpellanzi 31264 u 31265 msemmija kienu jaqraw hekk:

> **31264. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il materjal/pubblikazzjoni differenti relatati mas-servizzi tal-anzjani u l-persuni b'diżabilità maħruġa mis-Segretarjat Responsabbli mill-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità tqassmu bieb bieb jew f'partijiet, fil-gżira Għawdxija bejn Jannar 2015 u Jannar 2017?
>
> 15/02/2017

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Bħala tweġiba għal mistoqsijiet parlamentari numru 31264, 31265 u 31266, ninforma lill-Onor. Interpellant li, minħabba li ġewwa Għawdex inħass in-nuqqas ta' numru ta' servizzi pprovduti kif ukoll informazzjoni fuq l-istess servizzi, is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' ħass il-bżonn li jippublika u jqassam numru ta' publikazzjonijiet kif qiegħed jidher fit-tabella t'hawn taħt, bil-għan li l-Għawdxin ikunu mgħarfa fuq servizzi ġodda li ġew introdotti f'Għawdex kemm għall-anzjani kif ukoll għall-persuni b'diżabilità.

| **Pubblikazzjonijiet** | **Spiża** | **Materjal imqassam f'Malta** | **Materjal imqassam f'Għawdex** |
|---|---|---|---|
| 2015 | | | |
| Ittra dwar is-sessjonijet dwar id-Dimensja - Kors ta' Għarfien + Applikazzjoni taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għad-Dimensja | € 1,368.40 | Le | Iva |
| Kampanja għarfien dwar l-Anzjanità Attiva - Applikazzjonijet + Fuljett + Programm tas-sessjonijiet | € 2,124 | Le | Iva |
| Nippromwovu Anzjanita Aktar Attiva -Proġett Pilota Be Active | € 767 | Le | Iva |
| Kampanja Nazzjonali ta' Għarfien dwar id-Dimensja flimkien mal-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja | € 14,250 | Iva | Iva |
| 2016 | | | |
| Introduzzjoni tal-kors tal-Care Assistants għall-ewwel darba f'Għawdex | € 413 | Le | Iva |
| Ittra stedina għall-Istrateġija tad-Diżabilità. | € 826 | Le | Iva |
| Ittra 'Nationwide' Ċentru Interattiv Esplora | € 1,655 | Iva | Iva |
| Applikazzjoni Be Active flimkien ma' programm tas-sessjonijiet | € 1,305 | Le | Iva |
| Informazzjoni proġett pilota - Live In Carer | € 625.40 | Iva | Iva |
| Servizzi għall-Anzjani | | Iva | Iva |
| Twaqqif ta' Special Olympics Gozo - Materjal informattiv u applikazzjoni | € 1,911.60 | Le | Iva |
| Kampanja nazzjonali ta' għarfien u informazzjoni - The Autism Spectrum Booklet | € 5,127 | Iva | Iva |
| Miżuri Baġit 2017 + Information Sessions in community Malta and Gozo | € 8,450 | Iva | Iva |
| Fuljett Sessjonijiet ta' Taħriġ dwar it-Teknoloġija Diġitali għall-Anzjani f'Għawdex – Malta Communications Authority | € 708 | Le | Iva |

Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, kull materjal ieħor li seta' tqassam, fuq anzjani u persuni b'diżabilità, ikun sar mal-entitajiet ikkonċernati fuq l-għoti tas-servizzi partikolari.

Seduta 485 - 20/02/2017

**31265. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-materjal/pubblikazzjonijiet kollha li tqassmu bieb bieb jew f'partijiet fil-gżira Għawdxija li kienu maħruġa mis-Segretarjat responsabbli mill-Anzjanità Attivà u Persuni b'Diżabilità bejn Jannar 2015 u Jannar 2017?

15/02/2017

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari 31264

Seduta 485 - 20/02/2017

Is-Sedja għamlet ukoll referenza għall-intervernt tal-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali fejn indika li malli jitlestew il-kopji, kienet se tingħata t-tweġiba mitluba. Fil-fatt huwa qal hekk:

> "**ONOR. MICHAEL FARRUGIA**: Nirringrazzjak. Sur President, ma għandi l-ebda ħsieb li ntawwal argumenti frivoli. Meta jkollok dokumenti sħaħ li huma pubbliċi, m'hemm xejn x'taħbi, imma meta tirċievi llum il-pakkett kollu u rridu nagħmlu l-kopji kollha, *hard copies*, biex inpoġġuhom fuq il-Mejda tal-Kamra, jieħdu ċertu ħin. Allura, malli jkunu lesti l-*photocopies* kollha jitpoġġew! Ma hemm l-ebda problema. Dan mhux xi sigriet li xi ħadd qed jipprova jgħatti xi ħaġa. Malli jkollna l-*photocopies* kollha, jitpoġġew."

Kif dikjarat minn diversi Speakers, inkluż is-Sedja preżenti, li okkupaw is-Sedja tul diversi leġiżlaturi, qiegħed jiġi ripetut li filwaqt li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jitkellmu dwar numru ta' rekwiżiti fil-kontenut ta' interpellanza parlamentari sabiex din titqies bħala aċċettabbli, l-istess Ordnijiet Permanenti huma siekta dwar il-kontenut tat-tweġiba li tingħata. Dan ukoll kif sostnut f'*rulings* riċenti tas-Sedja tas-17 ta' Mejju 2016 u dak tas-27 ta' Ġunju 2016.

Is-Sedja qiegħda għalhekk għal darb'oħra tiddikjara li hija m'għandha l-ebda setgħa fuq kif jiġu mwieġba l-interpellanzi parlamentari, però kif għamlet ukoll diversi drabi oħra, tħeġġeġ lill-Ministri li appena kif ikollhom il-materjal rikjest miġbur, jagħtu tweġiba sħiħa lill-Interpellant li jkun talab tali informazzjoni.